A.L. 93 ta' l-1995

ORDINANZA DWAR IT-THARIS MILL-MARD
(KAP. 36)

Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Biċċeriji tat-Tjur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 87 ta' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, il-Ministru għall-Ikel, Agrikoltura u Sajd, fuq il-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Biċċeriji tat-Tjur.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu għar-rigward ta' stabbilimenti ġodda mill-1 ta' Lulju, 1995, u għar-rigward ta' stabbilimenti diġà b'liċenza mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju, 1998.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"assistant staff" tfisser persuni mħarrġa nominati uffiċċjalment mid-Direttur;

"biċċerija approvata" tfisser biċċerija li tkun skond dawn ir-regolamenti u li tkun ġiet spezzjonata u approvata mid-Direttur;

"detentur ta' liċenza" tfisser persuna li jkollha liċenza skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti biex iżżomm biċċerija tat-tjur;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-servizzi veterinarji;

"fdal" tfisser laħam frisk li ma jkunx dak tal-karkassa kif hawnhekk imfissra;

"ġewwieni" tfisser fdal mill-kavitajiet toraċiċi, addominali u pelviċi, inklużi t-*trachea,* l-*oesophagus* u l-ħawsla;

"ilma tax-xorb" tfisser ilma ta' kwalità li jkun tajjeb għall-konsum mill-bniedem;

"karkassa" tfisser il-ġisem sħiħ tat-tjur wara li jkun ġie skarnat, imnittef u mnaddaf mill-ġewwieni; iżda t-tneħħija tal-kliewi, tas-saqajn fit-*tarsus* jew tar-ras mhix obbligatorja;

"laħam frisk tat-tjur" tfisser il-partijiet kollha ta' l-annimal li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem u li ma jkunux għaddew minn xi proċess ta' konservazzjoni ħlief tkessieħ jew iffriżar;

"tjur" tfisser pullam, dundjani, wiżż, papri, fargħuni, ħamiem domestiku u ħamiem tat-tiġrija, summien, faġani (gallina) u ħaġel (perniċi);

"spezzjoni sanitarja ta' qabel il-qtil" tfisser l-ispezzjoni ta' tjur ħajjin minn veterinarju uffiċċjali fi żmien siegħa qabel il-qtil;

"spezzjoni sanitarja ta' wara l-qtil" tfisser l-ispezzjoni ta' tjur maqtula fil-biċċerija minnufih wara l-qtil skond ir-regolamenti korrenti;

"veterinarju uffiċċjali" tfisser il-veterinarju maħtur mid-Direttur.

Liċenza biex wieħed iżomm biċċerija tat-tjur.

3. (1) Ħadd ma jista' jżomm biċċerija tat-tjur kemm bħala sid, komproprjetarju jew ajjutant kemm-il darba ma jkollux liċenza maħruġa lilu mid-Direttur.

(2) Ebda post ma jista' jintuża bħala biċċerija tat-tjur kemm-il darba dak il-post ma jkunx liċenzjat mid-Direttur biex jintuża bħala tali.

(3) Id-Direttur jista' biss jagħti liċenza għaż-żamma ta' biċċerija tat-tjur wara li jkun ikkunsidra applikazzjoni għal dak il-għan u wara li jkun aċċerta ruħu li l-ħtiġiet kollha elenkati f'dawn ir-regolamenti u kull ħtiġiet oħra li huwa jkun talab lill-applikant biex jaqdi jkunu ġew issodisfati.

(4) Id-detentur tal-liċenza ikun responsabbli għat-tmexxija tal-biċċerija tat-tjur skond dawn ir-regolamenti u d-Direttur jista' f'kull żmien jirrevoka liċenza jekk jinstab li l-biċċerija ma tkunx tikkonforma ma xi waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-liċenza jew jekk li fil-fehma tad-Direttur ikun hemm riskju ta' tixrid ta' mard.

(5) Il-liċenzi jkunu validi għal sena kalendarja waħda u jistgħu jiġu mġedda minn sena għal sena wara li tkun saret spezzjoni minn veterinarju uffiċċjali.

(6) Il-veterinarju uffiċċjali, jew kull spettur sanitarju maħtur mid-Direttur, għandu s-setgħa li jidħol biex jispezzjona l-biċċerija tat-tjur kulmeta d-Direttur jara l-ħtieġa ta' dan.

(7) Ebda estensjonijiet jew alterazzjonijiet ma jistgħu isiru f'xi biċċerija tat-tjur jekk ma jkunx hemm l-awtorizzazzjoni minn qabel tad-Direttur.

(8) Id-Direttur għandu jżomm Reġistru tal-Biċċeriji tat-Tjur li fih għandha tinżamm din l-informazzjoni li ġejja:

(i) In-numru ta' l-approvazzjoni veterinarja;

(ii) L-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tad-detentur tal-liċenza;

(iii) L-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tal-*manager*;

(iv) L-indirizz u n-numru tat-telefon tal-biċċerija tat-tjur;

(v) Il-pjanta tas-sit, il-pjanta ta' elevazzjoni, il-pjanta tat-tqassim tal-bini u l-pjanta tat-tqassim tat-tagħmir tal-biċċerija tat-tjur.

(9) Id-detentur tal-liċenza ikun responsabbli għal kull post użat fil-biċċerija tat-tjur u dak il-post għandu jew ikun kostruwit jew imnejħħi kif speċifikat f'dawn ir-regolamenti.

Lok tal-biċċerija.

4. Il-biċċerija tat-tjur għandha tkun mill-anqas 200 metru 'l bogħod minn arei abitati, irziezet ta' l-annimali u kull struttura industrijali jew struttura oħra li tista' titfa' dħaħen jew materjal ieħor li jista' jikkontamina l-laħam tat-tjur. Kull biċċerija eżistenti li ma hix skond din il-kondizzjoni titħalla taħdem: iżda jekk dik il-biċċerija twaqqaf ix-xogħol għal perijodu kontinwu ta' sitt xhur jew iżjed il-liċenza tagħha ma terġax tiġi mġedda.

Arei fil-biċċerija.

5. (1) Biċċerija tat-tjur għandha tkun imdawwra b'irpar jew ħajt ta' sigurtà u purtuni għall-kontroll tat-traffiku. L-area ta' ġewwa l-ħajt ta' madwar il-biċċerija għandha tinżamm ħielsa mill-ġrieden u annimali oħra.

(2) Il-biċċerija tat-tjur għandha tkun imqassma f'area maħmuġa u f'area nadifa.

(3) It-trasport u l-ħatt ta' tjur ħajjin, il-ġbir u l-eliminazzjoni ta' kull oġġett ta' skart għandu jsir fl-area maħmuġa.

(4) Il-proċeduri kollha ta' qtil ta' tjur, ħażna, tagħbija u trasport ta' laħam tat-tjur għandhom isiru fl-area nadifa.

(5) Ebda vetturi ma għandhom jitħallew jidħlu fl-area nadifa kemm-il darba dawn ma jkunux ġew qabel imnaddfin u diżinfettati.

Ħtiġiet dwar il-bini.

6. Il-biċċeriji tat-tjur għandu jkollhom:

(a) kamra jew spazju mgħotti li jkunu kbar biżżejjed li jistgħu jiġu mnaddfa u diżinfettati bla tbatija, għall-ispezzjoni tat-tjur qabel il-qatla;

(b) kamra speċjali li tkun tista' tiġi mnaddfa u diżinfettata bla tbatija, esklussivament għat-tjur morda jew tjur suspettati li jkunu morda;

(ċ) kamra tal-qtil kbira biżżejjed fejn min-naħa 'l waħda t-tjur jiġu storduti u skarnati u min-naħa l-oħra jiġu mnittfin u mismutin, liema xogħol għandu jsir f'postijiet separati:

Iżda kull komunikazzjoni bejn il-kamra tal-qtil u l-kamra msemmija fil-paragrafu (a) ta' hawn fuq, ħlief għal fetħa dejqa li minnha jistgħu jgħaddu biss tjur maqtula, għandu jkollha bieb li jingħalaq awtomatikament;

(d) kamra għat-tneħħija tal-ġewwieni u ta' preparazzjoni li tkun kbira biżżejjed biex it-tneħħija tal-ġewwieni issir f'post imbiegħed biżżejjed minn stazzjonijiet oħra tax-xogħol, jew separata minnhom b'*partition*, sabiex ma jkunx hemm kontaminazzjoni. Kull komunikazzjoni bejn il-kamra għat-tneħħija tal-ġewwieni u ta' preparazzjoni u l-kamra tal-qtil, ħlief għall-fetħa dejqa li minnha jistgħu jgħaddu biss tjur maqtula, għandu jkollha bieb li jingħalaq awtomatikament;

(e) kamra ta' dispaċċ, jekk ikun meħtieġ;

(f) kamra waħda jew iżjed li jkunu kbar biżżejjed għat-tkessieħ u/jew refriġerazzjoni;

(ġ) *cold stores*. Meta l-*cold stores* ikunu sitwati fuq barra tal-biċċerija tat-tjur, dawn iridu jkunu liċenzjati u għandhom jiġu ssorveljati minn veterinarju uffiċċjali. Id-Direttur ikun responsabbli għall-approvazzjoni ta' dawk il-*cold stores* u għall-irtirar ta' dik l-approvazzjoni. Il-*cold stores* għandhom ikunu mgħammra b'*thermograph* issiġillat mid-Direttur jew minn uffiċjali delegati minnu. Il-post ikun suġġett għal spezzjoni f'kull ħin mingħajr avviż mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jew minn uffiċjal awtorizzat f'ismu;

(ħ) kamra jew spazju għall-ġbir tar-rix kemm-il darba r-rix ma jiġix trattat bħala skart;

(i) post li jissakkar, sitwat separatament mill-kmamar l-oħra fl-area ta' l-ipproċessar, li jkollu temperatura kontrollata u riżervat għall-ħażna separata ta' laħam tat-tjur li jkun ġie temporanjament miżmum u ta' laħam mhux tajjeb għas-saħħa li jkun ġie dikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem u skart, meta dak il-laħam u skart ma jiġux imneħħija kuljum mill-biċċerija tat-tjur;

(j) kamra, li jkollha temperatura kontrollata u sitwata separatament mill-kmamar l-oħra fl-area ta' l-ipproċessar, esklussivament għat-trattament tekniku jew distruzzjoni ta' laħam tat-tjur dikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem, laħam li jiġi eskluż mill-użu għall-konsum mill-bniedem u skart u sottoprodotti mill-qatla, maħsubin għal skopijiet industrijali, jekk dak it-trattament tekniku jew distruzzjoni jsiru fuq il-post;

(k) kmamar fejn wieħed ibiddel, friskaturi, doċoċ u *flush lavatories;* dawn ta' l-aħħar ma għandhomx jifthu direttament għall-kmamar tax-xogħol; il-friskaturi għandhom ikunu ħdejn il-*flush lavatories* u għandu jkollhom ilma sħun u ilma kiesaħ, ikunu provduti b'materjal ta' tindif u diżinfettar ta' l-idejn u *disposable hand towels*;

(l) faċilità jew arranġament approvati mid-Direttur għat-tneħħija tal-ħmieġ tat-tjur kemm-il darba dak il-ħmieġ ma jiġix imneħħi minnufih u b'mod iġjeniku;

(m) post u faċilitajiet adegwati għat-tindif u d-diżinfettar tal-gaġeġ u tal-vetturi;

(n) kamra mgħammra kif għandha tkun u li tissakkar għall-użu esklussiv tas-servizzi veterinarji;

(o) fil-kmamar tax-xogħol, tagħmir adegwat għat-tindif u d-diżinfettar ta' l-idejn u ta' l-għodod; dan it-tagħmir għandu jkun qrib kemm jista' jkun ta' l-istazzjonijiet tax-xogħol, il-vitien ma għandhomx jitħaddmu bl-id; dawn il-faċilitajiet għandu jkollhom ilma sħun u ilma kiesaħ, prodotti għat-tindif u d-diżinfettar u *disposable hand towels*; għall-istrumenti tat-tindif it-temperatura ta' l-ilma ma għandhiex tkun inqas minn + 82 grad Celsius;

(p) faċilitajiet li bihom l-ispezzjonijiet veterinarji li hemm provdut għalihom f'dawn ir-regolamenti jkunu jistgħu isiru b'mod effiċjenti f'kull ħin;

(q) ħajt adegwat ta' madwar jew mezz ieħor ta' għeluq;

(r) mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) ta' hawn fuq, separazzjoni adegwata ta' l-area n-nadifa mill-partijiet kontaminati tal-bini;

(s) fil-kmamar imsemmija fil-paragrafi (a) sa (i) ta' hawn fuq:

— art *waterproof*; li tkun tista' titnaddaf u tiġi diżinfettata faċilment, u hekk imqiegħda li l-ilma jkun jista' jgħaddi 'l barra faċilment;

— ħitan lixxi b'kisja jew żebgħa ta' kulur ċar li tista' tinħasel sa għoli ta' għall-inqas żewġ metri, bl-ixfra u l-irkejjen ġejjin fit-tond;

(t) dawl naturali jew artifiċjali adegwat li ma jagħtix dehra differenti lill-kuluri fil-kmamar imwarrbin għat-tjur ħajjin u tjur maqtula;

(u) provvista adegwata ta' ilma tax-xorb sħun u kiesaħ taħt pressa u sistema ta' rimi ta' l-ilma li tissodisfa l-ħtiġiet iġjeniċi;

(v) tagħmir tajjeb għall-protezzjoni kontra kull ħaġa li tista' tagħmel ħsara, bħalma huma l-insetti u l-ġrieden;

(w) strumenti u kull tagħmir li jiġi f'kuntatt mat-tjur waqt l-ipproċessar u l-ħażna li jkunu ta' materjal li ma jitherriex u li jkunu jistgħu jitnaddfu u jiġu diżinfettati faċilment;

(x) kontenituri speċjali li ma jitherrewx li minnhom la tgħaddi l-arja u lanqas l-ilma u li ma jkunux jistgħu jinfetħu bil-forza, għall-ġbir tal-laħam li jkun ġie dikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

Indafa.

7. L-indafa tal-ħaddiema, tal-post, tat-tagħmir u ta' l-istrumenti għandha tkun assoluta, kif ġej:

(a) il-ħaddiema għandhom b'mod partikolari jilbsu ħwejjeġ tax-xogħol u xedd tar-ras nodfa li għandhom ikunu ta' lewn ċar u li jistgħu jinħaslu faċilment. Il-ħaddiema li joqtlu l-annimali u li jaħdmu u jmissu l-laħam għandhom jaħslu u jiddiżinfettaw idejhom diversi drabi waqt kull ġurnata tax-xogħol u kull darba li jerġgħu jaqbdu x-xogħol. Il-persuni li jkunu kellhom kuntatt ma' annimali morda jew ma' laħam infettat għandhom minnufih wara jaħslu jdejhom u dirgħajhom bir-reqqa f'ilma sħun u mbagħad jiddiżinfettawhom. It-tipjip huwa projbit fil-kmamar tax-xogħol u fl-i*storerooms*;

(b) ma għandu jitħalla jidħol ebda kelb, qattus jew annimal ieħor ħlief it-tjur miġjubin għall-qatla ġewwa l-biċċeriji tat-tjur. Għandhom jiġu sistematikament meqruda l-ġrieden, l-insetti u parassiti oħra;

(ċ) il-kmamar imsemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ), (d), u (e) tar-regolament 6 għandhom jitnaddfu u jiġu diżinfettati kif ikun meħtieġ u fuq kollox fi tmiem ix-xogħol tal-ġurnata;

(d) il-gaġeċ li fihom jiġu konsenjati t-tjur għandhom ikunu ta' materjal li ma jitherriex, ikunu jistgħu jitnaddfu u jiġu diżinfettati faċilment u jkollhom il-qiegħan tagħhom *waterproof*. Dawn għandhom jitnaddfu u jiġu diżinfettati kull darba li jiġu żvujtati;

(e) it-tagħmir u l-istrumenti wżati għall-qtil, għax-xogħol fuq il-laħam u għall-ħażna tal-laħam għandhom jinżammu ndaf u fi stat tajjeb. Dawn għandhom jiġu mnaddfa u diżinfettati kif għandu jkun diversi drabi matul kull ġurnata tax-xogħol, fi tmiem ix-xogħol tal-ġurnata u qabel ma jerġgħu jintużaw jekk ikunu ġew kontaminati;

(f) il-kontenituri għal-laħam li mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem u għall-fdal għandhom jiġu żvujtati wara l-użu u għandhom jiġu mnaddfa u diżinfettati kull darba li jiġu żvujtati.

Ħtiġiet oħra.

8. Id-detentur tal-liċenza għandu wkoll josserva dawn il-ħtiġiet li ġejjin:—

(a) Il-post, l-istrumenti, it-tagħmir tax-xogħol u l-impjant użati għax-xogħol tal-qtil u għall-ħażna tal-laħam għandhom jintużaw unikament għal dawk l-għanijiet.

(b) Il-laħam tat-tjur u l-kontenituri tiegħu ma għandhomx jiġu f'kuntatt dirett ma' l-art.

(ċ) Ir-rix għandu jitneħħa minnufih wara t-tnittif.

(d) L-użu ta' diżinfettanti, deterġenti u pestiċidi ma għandux jaffettwa t-tjubija tal-laħam għall-konsum.

(e) Persuni li jistgħu jikkontaminaw il-laħam għandhom ikunu projbiti milli joqtlu t-tjur jew imissuh, partikolarment jekk dawk il-persuni

— ikunu morda jew ikunu suspettati li jkunu morda bit-tifojde, *paratyphoid* A u B, *salmonellosis,* disenterija, *hepatitis, gastro-enteritis,* skarlatina jew *carriers* ta' dan il-mard;

— ikunu morda jew ikunu suspettati li jkunu morda b'tuberkulożi attiva;

— ikunu morda jew ikunu suspettati li jkunu morda b'mard tal-ġilda kontaġġuż jew infettiv;

— ikunu fl-istess ħin jeżerċitaw attività li tista' tikkaġuna li jiġu trasmessi mikrobi fuq il-laħam;

— ikunu lebsin faxxa fuq idejhom, ħlief għal *waterproof dressing* li tkun qed tipproteġi ġerħa mhux infettata.

(f) Ikun meħtieġ ċertifikat tat-tabib minn kull persuna li taħdem fuq il-laħam tat-tjur. Dan iċ-ċertifikat għandu jiċċertifika li ma jkun hemm ebda impediment għal dak l-impieg; iċ-ċertifikat għandu jiġġedded kull sena u kull meta l-veterinarju uffiċċjali hekk jitlob; iċ-ċertifikat imsemmi għandu jkun dejjem disponibbli għall-veterinarju uffiċċjali.

Id-detentur tal-liċenza għandu jiżgura li l-impjegati kollha fl-istabbiliment tiegħu ikunu infurmati sew fuq l-importanza ta' l-iġjene personali u l-prinċipji bażiċi għall-ħarsien ta' l-ikel. Id-detentur tal-liċenza ikun ukoll responsabbli li jżomm lill-impjegati tiegħu mgħarrfa b'kull kondizzjoni medika possibbli li tista' tiżviluppa u li tista' tolqot l-impieg tagħhom.

(ġ) It-tjur għall-qatla għandhom jiġu spezzjonati qabel il-qtil fi żmien 24 siegħa mill-wasla tagħhom fil-biċċerija. L-ispezzjoni għandha tiġi ripetuta minnufih qabel il-qtil jekk ikunu għaddew aktar minn 24 siegħa mill-ispezzjoni ta' qabel il-qtil. L-ispezzjoni ta' qabel il-qtil tista' tiġi restritta għall-kxif ta' xi ġrieħi li t-tjur ikunu setgħu ġarrbu waqt it-trasport jekk it-tjur ikunu ġew spezzjonati fir-razzett ta' oriġini fi żmien l-aħħar 24 siegħa u jkunu nstabu f'saħħithom. B'żieda ma' dan, l-identità tat-tjur għandha tiġi ppruvata mal-wasla fil-biċċerija.

(ħ) L-ispezzjoni ta' qabel il-qtil għandha ssir taħt dawl tajjeb u għandha tistabbilixxi:

— jekk it-tjur ikunux qed ibatu minn xi marda li tista' tiġi trasmessa lill-bnedmin jew lill-annimali, jekk ikunux juru sintomi ta' dik il-marda jew jekk il-kondizzjoni ġenerali tagħhom tkunx tali li tindika li jista' jkun hemm dik il-marda;

— jekk it-tjur jurux sintomi ta' xi diżordni li taffettwa l-kondizzjoni ġenerali tagħhom li tista' tagħmel il-laħam mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

(i) It-tjur li jinstabu morda bil-pesta tat-tjur, bin-*Newcastle disease,* bir-*rabies,* bis-*salmonellosis,* bil-kolera jew bl-*ornithosis* għandhom jiġu dikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem.

(j) It-tjur ma jistgħux jiġu maqtula għall-konsum mill-bniedem bħala laħam frisk fejn ikun ġie stabbilit:

— mill-preżenza ta' tjur morda fil-biċċerija,

— mill-informazzjoni sanitarja dwar l-oriġini tagħhom,

li huma kienu f'kuntatt ma' tjur morda bil-pesta tat-tjur, bin-*Newcastle disease,* bir-*rabies,* bis-*salmonellosis,* bil-kolera jew bl-*ornithosis* f'tali ċirkostanzi li l-marda setgħet tkun ġiet mgħoddija lilhom.

(k) It-tjur imsemmija fil-paragrafi (ħ), (i) jew (j) ta' hawn fuq għandhom jiġu maqtula separatament u wara l-qtil ta' kull tjur oħra.

(l) It-tjur miġjuba fil-post tal-biċċerija għandhom jinqatlu minnufih wara li jiġu storduti.

(m) L-iskarnar għandu jkun komplet u għandu jsir b'tali mod li d-demm ma jkunx jista' jikkaġuna kontaminazzjoni barra l-post tal-qtil.

(n) It-tjur maqtula għandhom jitnittfu minnufih u kompletament.

(o) It-tneħħija tal-ġewwieni għandha ssir minnufih. Il-karkassa għandha tinfetaħ b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu spezzjonati l-kavitajiet u l-ġewwieni kollha. Għal dan il-għan, il-fwied, il-milsa u t-tratt diġestiv għandhom jitneħħew mill-karkassa b'tali mod li ma tiġix kontaminata u li l-konnessjonijiet naturali ta' dak il-ġewwieni jibqgħu sa' l-ispezzjoni.

(p) Wara l-ispezzjoni, il-ġewwieni li jkun tneħħa għandu jiġi separat minnufih mill-karkassa, u l-partijiet li ma jkunux tajbin għall-konsum mill-bniedem għandhom jitneħħew mill-ewwel. Il-ġewwieni u l-partijiet mill-ġewwieni li jibqgħu fil-karkassa għandhom, bl-eċċezzjoni tal-kliewi, jitneħħew għal kollox, jekk possibbli taħt kondizzjonijiet iġjeniċi sodisfaċenti.

(q) Huwa projbit l-infiħ tal-laħam tat-tjur, it-tindif tiegħu biċ-ċraret u l-mili tal-karkassa b'xi ħaġa li ma tkunx fdal li jittiekel minn tjur maqtula fil-biċċerija. Il-partijiet tat-tjur u l-fdal għandhom jiġi ppakkjati bil-mod deskritt fil-paragrafi (y) u (z) ta' dan ir-regolament.

(r) Huwa projbit li wieħed iqatta' l-karkassa jew ineħħi jew jittratta l-laħam tat-tjur qabel ma tkun tlestiet l-ispezzjoni. Il-veterinarju uffiċċjali jista' jippreskrivi kull maniġġ ieħor li jkun meħtieġ mill-ispezzjoni.

(s) Laħam miżmum dikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem, ir-rix u l-iskart għandhom jitqiegħdu malajr kemm jista' jkun fil-kmamar, spazji jew kontenituri msemmija fil-paragrafi (ħ), (i) u (j) tar-regolament 6, u għandhom jiġu hekk maniġġati li kemm jista' jkun ma jkunx hemm kontaminazzjoni.

(t) Wara l-ispezzjoni u t-tneħħija tal-ġewwieni, il-laħam frisk tat-tjur għandu jiġi mnaddaf minnufih u mkessaħ b'tali mod li jiġi żgurat li jinżamm livell għoli kontinwu ta' iġjene.

(u) Il-partijiet kollha ta' l-annimal għandhom jiġu spezzjonati minnufih wara l-qtil. L-ispezzjoni ta' wara l-qtil għandha ssir taħt dawl tajjeb.

(v) L-immarkar sanitarju għandu jsir taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċċjali, li għal dak il-għan għandu jżomm u jieħu ħsieb ta':

— strumenti li jagħmlu l-marka sanitarja fuq il-laħam, liema strumenti għandhom jiġu mgħoddija lill-*assistant staff* fil-ħin attwali biss ta' l-immarkar u għal dak it-tul ta' żmien li jkun meħtieġ għal dan il-għan;

— it-tikketti u r-*wrappers* fejn dawn ikunu diġà jkollhom il-boll jew marka msemmija fil-paragrafu (w) ta' hawn taħt u s-siġilli msemmija fil-paragrafu (w) ta' hawn taħt. Dawn it-tikketti, *wrappers* u siġilli għandhom jiġu mgħoddija skond in-numru meħtieġ lill-*assistant staff* f'dak il-ħin li jkun hemm bżonn li jintużaw.

(w) Il-marka sanitarja għandha tkun tikkonsisti f'dan li ġej:

(i) is-siġill għandu jkun tali li ma jkunx jista' jerġa' jintuża: dan għandu jkun ta' materjal reżistenti li jissodisfa l-ħtiġiet kollha ta' l-iġjene u kbir biżżejjed sabiex fuqu jkun jista' jidher it-tagħrif obbligatorju li ġej f'karattri li jkunu jistgħu jinqraw perfettament:

— fiċ-ċentru, in-numru ta' l-approvazzjoni veterinarja tal-biċċerija.

— id-data tal-qtil jew il-*batch number* li jindika dik id-data.

L-ittri u l-figuri għandhom ta' mill-anqas ikunu 2mm f'dak li hu għoli;

(ii) għal karkassi u partijiet tal-karkassi ppakkjati, marka stampata fuq ir-*wrapper,* li għandu jkun magħluq b'tali mod li ma jkunx jista' jerġa' jintuża wara l-ftuħ. Ir-*wrapper* għandu jkun ta' materjal b'saħħtu biżżejjed li jissodisfa l-ħtiġiet iġjeniċi kollha, li jkun trasparenti u ma jistax jittrasmetti lil-laħam sustanzi li jistgħu ibiddlu n-natura, sustanza jew kwalità ta' l-ikel jew li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem; il-marka għandha tagħti l-istess tagħrif bħal dak li huwa meħtieġ għas-siġill u għandha tkun stampata f'karattri ta' l-istess daqs;

(iii) għall-fdal li ma jkunx fil-karkassa, marka stampata fuq ir-*wrapper,* li għandu jkun magħluq, kif deskritt skond is-subparagrafu (ii) ta' hawn fuq, jew boll impressat fuq tikketta li tkun tidher sewwa u mwaħħla sewwa mal-pakk. It-tikketta għandha tkun imwaħħla b'tali mod li din tiġi distrutta meta l-pakk jinfetaħ. Il-boll għandu jkun boll ovali tal-linka wiesa' 6.5cm u għoli 4.5cm. Dan it-tagħrif li ġej għandu jidher fuqu f'karattri li jkunu jistgħu jinqraw perfettament:

— in-numru ta' l-approvazzjoni veterinarja tal-biċċerija;

— il-*batch number*.

L-ittri għandu jkollhom għoli ta' 0.8cm u l-figuri għandu jkollhom għoli ta' 1.1cm.

(x) Wara t-tkessieħ imsemmi fil-paragrafu (t), il-laħam frisk tat-tjur għandu jinżamm f'temperatura li ma tistax f'xi ħin teċċedi + 4 gradi Celsius.

(y) L-ippakkjar (per eżempju, kaxex ta' l-ippakkjar, kaxex tal-kartun) għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet kollha ta' l-iġjene, b'mod partikolari:

— huma ma jkunux jistgħu jaffettwaw il-karattru oganoleptiku tal-laħam;

— huma ma jistgħux jittrasmettu lil-laħam sustanzi li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem;

— huma għandhom ikunu sodi biżżejjed biex jipproteġu l-laħam kif meħtieġ waqt it-trasport u l-immaniġġar.

L-ippakkjar jista' jerġa' jintuża biss meta dan ikun magħmul minn materjal li ma jitherriex li jista' jitnaddaf faċilment u li qabel l-użu jkun ġie mnaddaf u diżinfettat.

(ż) Meta laħam frisk tat-tjur jiġi ppakkjat f'materjal ta' l-ippakkjar (per eżempju, folji tal-*plastic)* li jkun f'kuntatt dirett miegħu, dan għandu jsir skond il-ħtiġiet ta' l-iġjene. Dan l-ippakkjar għandu jkun trasparenti u mingħajr kulur u għandu

(ii) għal karkassi u partijiet tal-karkassi ppakkjati, marka stampata fuq ir-*wrapper,* li għandu jkun magħluq b'tali mod li ma jkunx jista' jerġa' jintuża wara l-ftuħ. Ir-*wrapper* għandu jkun ta' materjal b'saħħtu biżżejjed li jissodisfa l-ħtiġiet iġjeniċi kollha, li jkun trasparenti u ma jistax jittrasmetti lil-laħam sustanzi li jistgħu ibiddlu n-natura, sustanza jew kwalità ta' l-ikel jew li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem; il-marka għandha tagħti l-istess tagħrif bħal dak li huwa meħtieġ għas-siġill u għandha tkun stampata f'karattri ta' l-istess daqs;

(iii) għall-fdal li ma jkunx fil-karkassa, marka stampata fuq ir-*wrapper,* li għandu jkun magħluq, kif deskritt skond is-subparagrafu (ii) ta' hawn fuq, jew boll impressat fuq tikketta li tkun tidher sewwa u mwaħħla sewwa mal-pakk. It-tikketta għandha tkun imwaħħla b'tali mod li din tiġi distrutta meta l-pakk jinfetaħ. Il-boll għandu jkun boll ovali tal-linka wiesa' 6.5cm u għoli 4.5cm. Dan it-tagħrif li ġej għandu jidher fuqu f'karattri li jkunu jistgħu jinqraw perfettament:

— in-numru ta' l-approvazzjoni veterinarja tal-biċċerija;

— il-*batch number*.

L-ittri għandu jkollhom għoli ta' 0.8cm u l-figuri għandu jkollhom għoli ta' 1.1cm.

(x) Wara t-tkessieħ imsemmi fil-paragrafu (t), il-laħam frisk tat-tjur għandu jinżamm f'temperatura li ma tistax f'xi ħin teċċedi + 4 gradi Celsius.

(y) L-ippakkjar (per eżempju, kaxex ta' l-ippakkjar, kaxex tal-kartun) għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet kollha ta' l-iġjene, b'mod partikolari:

— huma ma jkunux jistgħu jaffettwaw il-karattru oganoleptiku tal-laħam;

— huma ma jistgħux jittrasmettu lil-laħam sustanzi li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem;

— huma għandhom ikunu sodi biżżejjed biex jipproteġu l-laħam kif meħtieġ waqt it-trasport u l-immaniġġar.

L-ippakkjar jista' jerġa' jintuża biss meta dan ikun magħmul minn materjal li ma jitherriex li jista' jitnaddaf faċilment u li qabel l-użu jkun ġie mnaddaf u diżinfettat.

(ż) Meta laħam frisk tat-tjur jiġi ppakkjat f'materjal ta' l-ippakkjar (per eżempju, folji tal-*plastic)* li jkun f'kuntatt dirett miegħu, dan għandu jsir skond il-ħtiġiet ta' l-iġjene. Dan l-ippakkjar għandu jkun trasparenti u mingħajr kulur u għandu